MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Appell Civili Numru. 42/2012

**RYAN FARRUGIA**

**Vs**

**MIGUEL GATT**

Il-Qorti,

Rat il-lodo arbitrali moghtija mit-Tribunal tal-Arbitragg fis-17 ta’ Ottubru 2012 fejn gie deciz:-

*“L-Arbitru*

*1. L-arbitragg jirreferi ghal incident tat-traffiku li sehh fis-16 ta' Ottubru 2010, fi Triq Mikiel Anton Vassalli, San Giljan, bejn vettura bin-numru ta' registrazzjoni RYN239 misjuqa mir-rikorrenti u l-mutur EBG724, misjuq mill-initmat.*

*2. Permezz tal-Avviz tal-Arbitragg u l-Istatement of Claim relattivi, ir-rikorrenti filwaqt illi ghamel referenza ghall-incident awtomibilistiku fuq imsemmi, talab illi l-intimat jigi dikjarat responsabbli ghall-incident mertu tal-proceduri u konsegwentament responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti ammontanti ghal €2,222 (eskluz VAT), flimkien mal-ispejjez tal-proceduri arbitrali.*

*3. Permezz tal-Istatement of Defence relattiva, l-intimat ecepixxa; (a) illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet kontenuti fir-risposta, l-esponenti qed jirregistra oggezzjoni dwar il-gurisdizzjoni u kompetenza ta' dan it-Tribunal, (b) illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondanti fil-fatt u fid-dritt, stante li l-esponenti ma kienx responsabbli ghall-incident u ghalhekk m'ghandux jigi kkundannat ihallas danni lir-rikorrenti jew spejjez gudizzjarji lir-rikorrenti , (c) illi fi kwalunkwe kaz, id-danni reklamati mir-rikorrenti huma ezagerati u f'dan is-sens ikkontestati , prevja w okkorrendo , provi precizi.*

*4. Permezz tal-verbal tat-22 ta' Gunju 2011, l-intimat irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu, ossija dik dwar il-gurisdizzjoni u l-kompetenza li t-Tribual Arbitrali jisma u jiddeciedi l-procedjri odjerni. Ghaldaqstant l-Arbitru mhux ser jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni.*

*5. Verzjonijiet tas-sewwieqa kif riportata fir-Road Accident Report:*

*Ryan Farrugia – "Driver of vehicle RYN239 make Ford stated he was driving along Regional Road towards Paceville on the outer lane, he saw a motorbike reg. EBG724, changing from the inner lane to the outer lane with the consequence of hitting his vehicle"*

*Miguel Gatt – "Driver of motorbike reg. EBG724 stated that while he was driving inside the Regional Road tunnels towards Paceville on the inside lane, he saw a vehicle that passed at high speed besides him and after a couple of seconds, he saw lights from another vehicle coming from behind himand ended up hitting his motorbike. Mr. Gatt stated that he ended lying in the street."*

*6. Xhieda prodotti:*

*(A)* ***Ryan Farrugia*** *(ir-rikorrenti)*

*Meta sehh l-incident kont qed insuq Ford Fiesta – RYN 239, f'Regional Road fid-direzzjoni ta' San Giljan. Kont ghadej fil-lane ta' barra u f'daqa wahda rajt mutur johrog f'daqqa ghal quddiemi. Fil-vettura kont wahdi.*

*Il-mutur laqatni bil-parti ta' wara tieghu fil-fanal tax-xellug ta' quddiem u fil-mudguard tal-vettura tieghi. Il-karozza tieghi kellha hsara wkoll fil-bonnett.*

*Sal-gurnata ta' llum jien ghadni ma sewejtx il-hsara fil-vettura tieghi.*

*L-overtaking sar fil-mina ta' Regional Road, hdejn San Giljan, dan sar meta konna prattikament f'nofs il-mina. L-incident gara ghall-habta t al-11.15pm/11.30pm.*

*Qabel ma sehh l-incident, kien hemm vetturi aktar 'l-quddiem inni fil-karreggjata tieghi. Fil-karreggjata ta' gewwa wkoll kien hemm vetturi ghaddejjin. Nippreciza li l-ewwel vettura li kien hemm quddiemi kienet prattikament waslet fl-exit tal-mina.*

*Qed tinqrali l-verzjoni tal-intimat kif rapportata fir-Rapport tal-Pulizija u nghid illi ma naqbilx maghha peress illi jiena ma gejtx minn wara l-mutur izda kien hu li gie minn warajja fil-karreggjata ta' magenbi w ipprova jidhol quddiemi.*

*Wara l-incident kellimt lix-xufier tal-mutur u dan qalli "ma gara xejn tista' tmur". L-intimat qam wahdu mill-art.*

*Kont ghadni kemm spiccajt mix-xoghol u kont ser niltaqa ma' xi hbieb tieghi f'Paceville. Wara x-xoghol kont mort id-dar tieghi f'Hal-Lija, imbaghad kont sejjer Paceville.*

*Fil-mina kont ghaddej b'xi 40km.f.s u kont fuq il-fourth gear tul il-mina kollha. Jien kont diga' fuq il-karreggjata ta' barra biex inkun bil-lest meta nigi ghat-traffic lights ta' Paceville, ghalkemm hemm distanza twila mill-mina sal-lights.*

*Il-karozza li kien hemm qudiemi fil-mina kient 'l-boghod minni, tul nofs il-mina.*

*Mal-impatt il-mutur baqa' jitkaxkar fuq il-lane ta' gewwa. Jien kont waqaft ftit 'l-barra mill-mina peress illi kienu gejjin vetturi ohra minn warajja.*

*(B)* ***PC665 Robert Spiteri*** *(prodott mir-rikorrenti).*

*Jien kont l-Ufficjal li investigajt l-incident relattiv. Nghid illi PS928 ma kienx gie fuq il-post.*

*Qed nigi muri r-rapport ezibit bhala "Dok A" anness man-notice of arbitration u nikkonferma l-kontenut tieghu. Dak li qaluli x-xufiera jinsab imnizzel fir-rapport relattiv. Ma kontx hejjejt skizz, peress illi l-vettura kient iccaqalqet minn fejn kienet waqfet.*

*Meta wasalt jien, kont sibt il-mutur fuq in-naha tax-xellug tat-triq, filwaqt illi l-vettura kienet pparkeggjata gewwa Marbat Lane, li hija side street ma' Triq Regjonali.*

*Miguel Gatt kien qalli li ma kellux licenzja sabiex isuq mutur u ghalhekk konna hrigna c-charges f'dan ir-rigward u dwar il-fatt illi ma kellux insurance.*

*Meta wasalt fuq il-post kien hemm habib ta' Miguel Gatt, li qalli li kien ser jiehdu l-Isptar u ghalhekk jien ghamiltlu xi domandi malajr, bazikament hadtlu l-particulars u imbghad ittiehed l-Isptar. L-ghada cempilt lil Miguel Gatt u tlabtu igibilna certifikat mediku izda baqa' ma gabux.*

*Xi granet wara ergajt ikkomunikat maa' Miguel Gatt u dan tani l-verzjoni tieghu dwar l-incident. Ergajt tlabtu c-certifikat mediku, izda dan baqa' ma ngabx.*

*Nikkonferma li l-mutur kien fil-mina ta' Triq Regjonali, kien lejn nofs il-mina.*

*Il-mutur kellu daqqa fuq wara tieghu u sinjali ta' tkaxkir fuq iz-zewg nahhat u ghalhekk, ghalkemm ma stajtx nara debris, kont ikkonstatajt li l-mutur kien tkaxkar fuq il-gnub tieghu ghal certa distanza. Ma nista xnghid ghal liem distanza kien tkaxar il-mutur.*

*Ma kontx had id-dettalji tal-persuna li kien ser jiehu lil Miguel Gatt l-isptar.*

*Il-hsarat li kont irriskontrajt fil-vettura huma dawk indikati fir-rapport.*

*( C)* ***Philip Attard*** *(prodott mir-rikorrenti)*

*Jiena nahdem ta' freelance surveyor u approvat mill-Malta Insurance Association. Ryan Farrugia kien qabbadni sabiex nghamillu survey fuq il-vettura tieghu.*

*Qed nezebixxi s-survey report li hejjejt li jinkludi r-ritratti relattivi (Dok PA1). Il-hsara principali kienet fix-xewka ta' quddiem tax-xellug tal-vettura. Kien hemm ukoll xi hsara fil-mudguard u l-windshield. Nikkonferma l-kontenut tar-rapport.*

*Peress li l-vettura kienet tal-2008 u kienet grey import, kien hemm uhud mill-parts li gew ikkwotati bhala originali u w uhud imitation jew second hand. Fir-rapport ma indikajtx liema parts kienu originali u liema imitation jew second hand. Kieku kienu kollha originali l-ispiza kienet tkun iktar, izda*

*nghid illi ma setawx ikunu kollha originali propju minhabba li kienet grey import u ghalhekk, certi parts u originali l-anqas biss kienu jaqblu. Jien indikajt somma globali bhala approssimattiva ghall-parts u indikajt l-ispiza tal-labour u l-ispray. Ma dawn irid jizdied il-VAT, oltre ghal €70 bhala survey fee.*

*(D)* ***Miguel Gatt*** *(l-intimat)*

*Meta sehh l-incident relattiv, kont qed insuq Scooter Peugeot 100cc, kont gej minn San Gwann, tlajt it-triq fid-dawra li taghti ghall-mina ta' San Giljan u dhalt fil-mina, sejjer Tal-Ibragg, fejn toqghod it-tfajla tieghi.*

*Kont fuq in-naha tax-xellug tal-karreggjata tax-xellug, u cjoe` kont mal-bankina tax-xellug. Kien ghall-habta tal-11.00/11.15pm. kien hemm traffiku normali, li kien mexxej. Ma kontx ghaddej iktar minn 30/40km.f.s.*

*Waqt li kont fil-mina, rajt vettura ghaddejja b'velocita` qawwija fil-karreggjata tal-lemin. Din ghaddiet min hdejja u qabzitni. Xi sekonda wara, hassejt "imbuttatura ' l-quddiem", il-mutur hareg minn tahti u spiccajt nitkaxkar mal-art, tul ta' xi tmienja/ghaxar metri. L-impatt sehh ftit iktar ' l-quddiem minn fejn wahda mill-karreggjati fil-mina tibda' tiftah.*

*X'hin waqaft, kaxkart lili nnifsi xi zewg piedi sabiex mort bilqgheda fuq il-bankina u nehhejt il-helmet. Dak il-hin stajt nara li l-mutur kien 'l-boghod minni tul ta' xi 8/10 metri u sa dak il-mument ma kien waqaf hadd. Ftit wara waqfet Golf blue (fil-karreggjata tax-xellug), u persuna li harget minnha staqsietni jekk kellix bzonn ghajnuna. Jien staqsejtu jekk kienx hu li laqatni, izda qalli li ma kienx hu. Ftit secondi wara waqfet vettura ohra quddiem il-Golf u minn din il-vettura harget persuna, li nzertajt nafha, li kien Andre Camilleri.*

*Andre Camilleri staqsieni x'kien gara u jien ghidtlu li kienet tajritni karozza, izda tali vettura ma kienx ghadha hemm. Hu offrieli biex incemplu lill-Pulizija, izda peress li kont mugugh, tlabthu biex nistennew ftit sekondi biex*

*nistrieh u imbghad jghinni nqum fuq saqajja u johodni l-Isptar hu, sabiex ma ndumux.*

*Waqt li kien qed ikellimni tal-Golf, Andre mar biex itella l-mutur kompletament fuq il-bankina, peress illi l-mutur kien nofsu fuq il-bankina u nofsu fit-triq. X'hin gie lura hdejja, Andre qalli li l-mutur kien totalment imkisser u kien ghar-rimi.*

*Wara li kien ilna hemm xi 10/15 il-minuta, sakemm kont qed nistrieh u nikkalma mix-shock li kelli, giet pesuna bil-mixi minn-naha ta' San Giljan. Din il-persuna kienet Ryan Farrugia.*

*Jien staqsejt lis-sur Farrugia min kien u hu qalli li hu kien laqatni, li kellu hafna hsara fil-karozza tieghu u talbni biex inhallaslu tal-hsara li kellu fil-vettura tieghu. Jien ghidtlu biex jitlaq u dak il-hin ezatt ghaddiet karozza tal-Pulizija li insertat kien ghaddejja bir-ronda.*

*X'hin waqfu l-Pulizija, jien poggejt fil-karozza ta' Andre u ghidt lill-Pulizija li kien ser johodni l-Isptar St. James, f'Tas-Sliema. Il-Pulizija li kien hemm, huwa l-istess wiehed li gja' xehed f'dawn il-proceduri. Ahna ghalhekk morna l-Isptar.*

*Meta sehh l-incident, jien kelli polza ta' assikurazzjoni valida u qed nezebixxi kopja tal-cover note relattiva bhala "Dok MG1".*

*Wara l-incident, kont qabbadt surveyor sabiex jezamina l-mutur tieghi.*

*Nikkonferma illi f'ebda mument ma ghamilt xi manuvra lejn il-karreggjata tal-lemin.*

*Nghid illi qabel l-incident ma rajt il-karozza li laqtitni, press illi din giet min warajja fil-karreggjata li kont fiha jien.*

*Mill-mera kull ma rajt kienu d-dwal tal-headlights tal-vettura li kienet warajja.*

*Kif spjegajt qabel, il-mutur kien tkaxkar qisu d-doppju ta' li tkaxkart jien.*

*Meta waqajt minn fuq il-mutur, kont wicci 'l-isfel, b'wicci lejn il-bankina u cjoe` kont qisu 45 degrees mal-bankina.*

*Il-vettura ta' Farrugia laqtitni minn wara u ghalhekk imbuttat il-mutur 'l-quddiem u bl-impatt, jien waqajt minn fuq il-mutur.*

*Nikkonferma li l-vettura li laqtitni, la rifest fuqu u l-anqas fuq il-mutur.*

*Meta waqaft nitkaxkar, kont 'l barra xi zewg piedi u nofs mill-bankina.*

*Mhuwiex minnu, dak li qed jigi suggerit mid-difensur ta' Farrugia, ossija li l-incident sehh minhabba li jien gbidt lejn il-lemin u lqatt mal-vettura ta' Farrugia li kienet qed tinstaq fil-karreggjata tal-lemin.*

*Ghadni sal-lum ma nafx min kienet il-persuna li waqfet bil-Golf (blue). Din il-persuna baqghet hemm sakemm tlaqt biex inmur l-Isptar. Ma nafx jekk il-Pulizija kienux kellmuh.*

*Andre ma rax l-impatt isehh. Hu waqaf xi minuta jew minuta w nofs wara li jien kont nehhejt il-helmet.*

*Fil-gurnata tal-incident ma kellix licenzja biex insuq mutur.*

*(E)* ***Andre Camilleri*** *(prodott mill-intimat)*

*Fil-gurnata tal-incident kont qed insuq il-karozza tieghi, fi Triq Regjonali, kont sejjer id-dar u cjoe` lejn Bahar ic-Caghaq, u x'hin dhalt fil-mina ta' San Giljan rajt mutur blu, fl-art u hafna bicciet tal-mutur mifruxin fl-art, primarjament fil-karreggjata tax-xellug tal-mina.*

*Waqt li kont diehel stajt nara illi xi bicciet tal-mutur li kien hemm mifruxin fl-art bdew jittajru 'l hawn u 'l hinn mill-karozzi li kien ghaddejjin minn hdejhom.*

*Il-mutur kien qed jistrieh fl-art nofsu fuq il-bankina (tax-xellug) u nofs fit-triq. Jien ghalhekk waqaft sabiex nara jekk stajtx naghti l-ghajnuna. Il-mutur kien qieghed ftit iktar 'l-quddiem minn nofs il-mina.*

*Kif diga ghidt, il-bicciet tal-mutur kienu primarjament mxerrdin fuq il-karreggjata tax-xellug.*

*Jien waqaft fil-mina u nzilt sabiex nara jekk is-sewwieq tal-mutur kienx wegga. Is-sewwieq tal-mutur kien qieghed bilqgheda fuq il-bankina tax-xellug u l-mutur kien jinsab xi tmenin pied iktar 'l-quddiem minnu.*

*Jien naf lill-intimat peress illi kwazi kwazi, is-sidien kollha tal-muturi jafu lil xulxin. Wara li kellimt lis-sewwieq tal-mutur, mort gbart il-mutur u poggejtu kollu kemm hu fuq il-bankina.*

*Niftakar li x'hin wasalt jien, kont rajt vettura ohra wieqfa qabli (tal-marka Golf) li kienet waqfet ukoll biex tinghata l-ghajnuna, izda dan, wara ftit, telaq.*

*Kont ser incempel ambulanza, izda l-intimat qalli biex l-ewwel incempel lit-tfajla tieghu. Kont cempiltilha, u l-intimat talabni biex nwasslu bil-karozza tieghi ghand l-gharusa tieghu biex minn hemm ikun jista' jibqa' sejjar l-Isptar St. James, f'Tas-Sliema.*

*Waqt li kont qed inkellem lill-intimat, huwa qalli li kien tajjru xi hadd. Xi hdax il-minuta jew hmistax il-minuta wara, gie ragel jigri fil-mina minn naha ta' San Giljan, liema persuna qieghed naghraf hawn prezenti bhala r-rikorrenti.*

*F'ebda mument ma rajt il-vettura tar-rikorrenti.*

*X'hin ir-rikorrenti wasal hdejna, l-intimat qalli li din kienet il-persuna li tajrithu u jien ghidt lir-rikorrenti: "Allura issa tigi lura tara' x'gara, wara li ghadda dan il-hin kollu minn x'hin tajjartu". Ma niftakarx x'irrispondieni ghax issa ghadda z-zmien.*

*Ftit wara ghaddiet karozza tal-mobile tal-Pulizija Il-Pulizija staqsewni x'gara u jien ghidtilhom dak li ghadni kemm spjegajt illum.*

*Wara li gbart ic-cwievet tal-mutur tellajt lill-intimat fil-karozza, gbarna lit-tfajla tieghu u bqajna sejrin l-Isptar Capua. Jien tajthu il-mobile number tieghi biex jekk ikollu bzonn, ikun jista' jsibni.*

*Ma niftakarx jekk, x'hin wasalt fuq il-post, l-intimat kienx qalli kemm kien ilu li sar l-incident.*

*L-ewwell kien hemm il-Golf wieqfa mal-genb, iktar il-quddiem kien hemm l-intimat u l-vettura tieghi u l-mutur kien aktar il-quddiem.*

*Bil-mutur kif kien, nofsu fuq il-bankina u nofsu fit-triq, setghu fizikament jghaddu zewg vetturi hdejn xulxin, izda minhabba l-vetturi taghna u l-bicciet mxerrda tal-mutur, il-vetturi li kienu gejjin kienu bdew jersqu iktar lejn il-lemin.*

*Mistoqsi jekk rajtx xi debris jigi mbuttat mill-vetturi mill-karreggjata ta' barra ghal dik ta' gewwa, nghid illi naqbel li kien hemm bicciet tal-plastic tal-mutur fil-lane ta' barra li kien qed jittajjar mill-vetturi li kienu ghaddejjin ghal gol-lane ta' gewwa.*

*Nispjega illi bicciet kbar tal-mutur kienu fil-karreggjata tax-xellug izda ovvjament meta jghaddu vetturi minn fuqhom dawn jitkissru u jisparpaljaw ruhhom. Il-bicciet li semmejt kienu kollha tal-plastic formanti parti mill-body tal-mutur.*

*Il-mutur kellu r-rota ta' wara fuq il-bankina u r-rota ta' quddiem kienet hierga 'l-barra fit-triq, kien maqlub fuq in-naha tax-xellug tieghu u kien angolat b'xi 45 grad mill-bankina, b'wiccu 'l-quddiem.*

*Nikkonferma illi hekk kif gie r-rikorrenti, l-intimat qalli li dak kien tajru, izda ma qallix kif. L-intimati kien qalli li xi hadd kien tajru u baqa' ghaddej.*

*X'hin wasal hdejna, ir-rikorrent qal lill-intimat: "taf xi hsara ghandi fil-karozza, ser thallasni jew le?".*

*Niftakar illi waqt li konna hemm l-intimat kien qalli li ma kellux licenzja biex isuq mutur.*

*(F)* ***Anthony Mizzi*** *(prodott mill-intimat)*

*Jien nahdem bhala surveyor tal-vetturi u ili naghmel dan ix-xoghol ghal 21 sena.*

*Nikkonferma l-kontenut tar-rapport ezibit bhala Dok PF004, liema rapport gie redatt minni. Qed nesebixxi serje ta' dsatax-il-ritratt, li hadt jien stess, dwar il-mutur relattiv li qed jigu immarkati bhala "AM1" sa "AN19".*

*Il-hsara fil-mutur kienet fuq wara, fil-gnub u fuq quddiem u cioe` bazikament kullimkien. Il-hsara fuq wara kienet tikkonsisti f'daqqa. Fil-fehma tieghi l-hsara principali tinsab fuq wara, kif jidher fir-ritratti "AM1", "AM3" u "AM4" u cjoe` kemm fil-body-work u kif ukoll fuq ic-chasss-work fil-parti*

*ta' wara tal-mutur u t-tyre huwa mqabbez minn gor-rim li juri li kien hemm daqqa/impatt fuq wara tal-mutur u mhux hsara kkawzata mill-fatt illi l-mutur waqa' fl-art.*

*Il-hsara fil-gnub tal-mutur tikkonsisti fi grif kif jidher fir-ritratti "AM2", "AM7", "AM11" sa "AM16 u AM19". In-naha tal-lemin tal-mutur fiha ferm iktar grif minn naha tax-xellug u tali grif jindika tkaxkira. Il-fatt illi taqaxxret iz-zebgha w ittiekel il-fibre ta' fuq in-naha tal-lemin, tindika tkaxkira. Il-grif fuq in-naha tax-xellug huma hfief meta kkomparati ma dawk ta' fuq in-naha tal-lemin tal-mutur.*

*Nikkonferma li f'dak l-istat, il-mutur kien beyond economical repair.*

*Is-survey relattiv sar fl-1 ta' April 2011 u jien ma kontx rajt il-mutur qabel din id-data.*

*Ir-ritratti li ghadni kemm ezibejt kienu ttiehdu xi gimgha wara li ghamilt is-survey, peress illi fl-1 ta' April 2011 ma kellix camera fuqi.*

*Mill-esperjenza tieghi, nista' nghid illi l-mutur qala l-impatt fuq wara u mhux mal-genb, peress illi kieku d-daqqa kienet fil-genb tal-mutur il-fibre kien jitkisser u mhux jinstelah u jittiekel.*

*Qed jigi suggerit lili, illi l-hsara fuq il-lemin tal-mutur setghet giet ikkawzata minn impatt ma vettura u nghid illi ma naqbilx ma dan. Nghid ukoll illi ma jistax ikun, propju minhabba tan-natura tal-hsara fin-naha tal-lemin tal-mutur, li tindika tkaxkira ma' surface u mhux ma' xi vettura.*

*Nikkonferma illi l-brix fuq in-naha tax-xellug tal-mutur huma kompatibbli mal-fatt illi l-mutur setgha waqa' fuq in-naha tax-xellug. Nispjega wkoll illi meta tintlewa l-furketta tal-mutur, il-mutur jaqbad jinlewa u jistghu jintlaqtu n-nahat kollha tal-mutur.*

*Miguel Gatt kien inkarigani biex naghmel dan is-survey, u nimmagina li kont ircevejt l-inkarigu relattiv xi ftit granet qabel l-1 ta' April 2011.*

*Kif jidher mir-ritratt "AM13" il-body tal-fibre tal-mutur kellu diversi bicciet neqsin fuq in-naha ta' wara tal-mutur.*

*7. Konsiderazzjonijiet:*

*Id-divergenza principali bejn il-partijiet hija dwar jekk ir-rikorrenti kienx u baqax fil-karreggjata tal-lemin u ghalhekk kienx is-sewwieq tal-mutur li ghamel manuvra ta' bdil ta' karreggjata mix-xellug ghal-lemin, b'dan illi konsegwenza ta' tali manuvra, dahal gol-vettura misjuqa mir-rikorrenti, jew jekk kienx il-mutur li baqa' fl-istess karreggjata (u cjoe` dik tax-xellug) u kienet semplicement il-vettura li dahlet go fih.*

*Fis-sistema guridika taghna, il-kontenut tar-Road Accident Report jinghata piz qawwi probatorju, peress li l-informazzjoni fih kontenuta tigi stabbilita fil-mumenti immedjati wara li jkun sehh l-incident u ghalhekk, salv provi ffattwali kontrzarji, ghandhom jitqiesu bhala l-ikbar qrib tal-verita` tal-fatti. Fil-kaz odjern pero`, ma jirrizultawx xi diskrepanzi bejn il-verzjonijiet moghtija mis-sewwieqa lill-Ufficjal tal-Pulizija u l-verzjonijiet taghhom moghtija waqt dawn il-proceduri w inoltre, ma hemmx l-awzilju tal-iskizz ta' kif spiccaw il-vetturi, li f'hafna kazijiet ikollu informazzjoni li tkun ta' ghajnuna ghall-arbitru/gudikant sabiex ikun f'posizzjoni jistabbilixxi liema mill-verzjonijiet tirrizulta bhal l-iktar verosimili, tenut kont tal-konstatazzjonijiet maghmula a tempo vergine fuq il-post tal-incident.*

*Jirrizulta illi l-Ufficjal tal-Pulizija ma kienx hejja skizz, minhabba li r-rikorrenti ma kienx waqaf fejn sehh l-impatt izda kien baqa' sejjer sakemm hareg mill-mina u pparkeggja l-vettura tieghu fit-triq laterali. Il-fatt illi l-vettura ma waqfitx fejn sehh l-impatt, li ma jirrizultax li l-vettura u/jew il-mutur hallew xi tyre-marks jew brake-marks, il-fatt illi l-anqas fil-hinijiet immedjati wara l-incident ma seta' jigi stabbilit l-ispot of impact (kif ikkonfermat ukoll minn PC665) u n-nuqqas ta' skizz, huma ovvjament ta' svantagg kbir ghal min irid jiggudika, peress illi tali informazzjoni jew konstatazzjonijiet generalment jikkontjenu indizzji li jwasslu sabiex wiehed ikun jista jistabbilixxi d-dinamika tal-incident relattiv u l-kawza ghall-istess.*

*Intolre, l-anqas ma jirrizulta li kien hemm xhieda li attwalment raw l-incident relattiv isehh u li ghalhekk setghu imqar jghidu skondhom liema mill-verzjonijiet tal-partijiet kienet dik veritjera u li attwalment sehhet.*

*Naturalment, kif konstantament ritenut, il-fatt illi l-intimat ma kienx licenzjat biex isuq mutur, ma jfissirx illi huwa ghandu jigi tenut responsabbli ghall-incident relattiv.*

*L-artbitru ghalhekk ser ighaddi biex jevalwa x-xhieda mressqa quddiemu, is-survey reports u r-ritratti tal-hsarat riskontrati fil-vettura u fil-mutur, sabiex jigi stabbilit jekk jirrizultawx provi li jistghu jwasslu ghal konvinciment dwar liema miz-zewg verzjonijiet hija veritjera.*

*Ir-rikorrenti qal illi kien qed isuq fil-mina, fil-karreggjata tal-lemin fid-direzzjoni ta' San Giljan, b'velocita ` ta' madwar 40 kilometru fis-siegha u x'hin kien qisu f'nofs il-mina, f'daqqa wahda hareg mutur ghal quddiemu. Ghalkemm ir-rikorrenti qal illi kien hemm vetturi ohra aktar 'l-quddiem minnu, kemm fil-karreggjata tieghu u kif ukoll f'dik ta' magenbu, huwa minnufih iccara illi l-ewwel vettura quddiemu kienet pratikament waslet hdejn it-tarf tal-mina. L-intimat qal illi kien qed isuq scooter 100cc, li kien tela' mid-dawra li minn San Gwann twassal ghall-bokka tal-mina, li kien qed isuq vicin tal-bankina fuq in-naha tax-xellug, li kien hemm traffiku normali mexxej, li f'ebda mument ma kien ghamel xi manuvra lejn il-karreggjata tal-lemin u li l-vettura li laqtitu kienet giet minn warajh, mill-istess karreggjata li kien fiha hu.*

*Mill-aspett logiku, tenut kont illi ebda wiehed mis-sewwieqa ma semma li kien hemm xi cirkostanzi jew fatturi estranju li kenu geghluhom ivarjaw il-velocita` taghhom, gjaladarba it-tnejn kienu qeghdin isuqu b'velocita ta' circa 34/40 km.f.s u tenut ukoll kont illi bejn il-vettura tar-rikorrentiu dik ta' quddiemu kien hemm distanza ta' nofs il-mina, anke jekk, sempliciment ghall-grazzja tal-argument, wiehed kellu jikkonsidra li l-mutur kellu l-intenzjoni jbiddel il-karreggjata, ma kien hemm l-ebda raguni logika illi jaghmel tali manuvra fil-mument meta kien imkahhal mal-vettura tar-rikorrenti, meta quddiemha kien hemm tul konsiderevoli vojt u liberu minn vetturi. L-anqas ma hemm raguni logika li setghet tiggustifika bdil ta' karreggjata gialadarba, skond iz-zewg sewwieqa, it-traffiku kien mexxej, li t-tnejn li huma kienu ghaddejjin liberament u li hadd minnhom ma semma xi*

*raguni li setghet taghti lok ghal bidla tal-karreggjata rispettiva. Inoltre, tenut kont tal-fatt illi l-intimat kien tela' mill-liwja li minn San Gwann twassal ghad-dahla tal-mina, fid-distanza ta' nofs il-mina, il-probabilita` hi li l-iscooter ma setax lahaq accellera ghal xi velocita partikolari.*

*PC665 qal illi l-mutur kellu daqqa fuq wara tieghu u li kellu sinjali ta' tkaxkir fuq iz-zewg nahat tieghu, izda ma setax jghid ghal liema distanza kien tkaxkar u l-anqas ma qal li kienu rrizultawlu xi marki fil-wicc tat-triq li setghu jkunu indikattivi ta' kif sehh l-incident. Similment, is-surveyor Anthony Mizzi, kkonferma illi l-mutur kien qala' d-daqqa fuq wara tieghu, li s-sinjali mal-genb tieghu kienu rizultat tat-tkaxkir tieghu fl-art w eskluda li l-mutur seta' qala' daqqa minn vettura fil-genb tieghu. Jinghad pero`, illi dan il-fatt ma jeskludix verzjoni minn ohra, ghax hsara fuq wara tal-mutur setghet sehhet, kemm jekk l-intimat kien fil-karreggjata tal-lemin u giet minn warajh il-vettura tar-rikorrenti li laqtitu u kif ukoll jekk il-mutur qabad u hareg fil-karreggjata tal-lemin u l-impatt sehh meta l-mutur kien pratikament iddritta quddiem il-parti xellugija tal-vettura. Il-hsara fuq wara tal-mutur tista' biss teskludi li l-impatt sehh meta l-mutur kien angolat bil-genb tieghu hdejn ix-xewka xellugija ta' quddiem tal-vettur.*

*Tenut kont tal-hsara riskontrata fil-mutur fil-konfront ta' dik rizultanti fil-vettura ma jistax jinghad illi tali hsarat ma setghux sehhew waqt li l-mutur kien ghaddej fid-dritt u li l-vettura giet minn warajh u laqtithu.*

*Il-lok fejn attwalment waqaf il-mutur u l-lok fejn Andre Camilleri qal illi kien hemm l-iktar debris, l-anqas jistghu jitqiesu bhala konklussivi favur verzjoni jew ohra. Kif spjega x-xhud Andre Camilleri, ghalkemm <u>meta wasal hu</u>, id-debris kien primarjament fil-karreggjata tax-xellug, f'dawk il-mumenti l-vetturi l-ohra kienu kollha ghaddejjin mill-karreggjata tal-lemin, liema vetturi kienu qeghdin itajjru d-debris 'l hawn u 'l hinn, minhabba l-fatt illi tali debris kien jikkonsisti f'parts tal-fibre. Is-surveyor Anthony Mizzi spjega wkoll illi meta tintlewa l-furketta ta' mutur , il-mutur jibda jintlewa u jdur . Ghaldaqstant il-posizzjoni ahharija ta' fejn spicca l-mutur ma tistax titqies bhala wahda konklussiva.*

*Ir-rikorrenti ma qalx illi kien ha xi azzjoni evasiva meta ra l-mutur, semplicement qal illi ma kienx waqaf fejn sehh l-impatt ghax kien hemm vetturi warajh u ghalhekk baqa' sejjer sakemm hareg mill-mini u waqaf fi*

*triq laterali. Tenut kont illi r-rikorrenti qal li kien ghaddej b'40 km.f.s u li gjaladarba qal li kien ghaddej fil-karreggjata tal-lemin, kellu jaqsam il-karreggjata tax-xellug biex jipparkja fi triq laterali, jirrizulta kemmxejn inuzwali li baqa' sejjer u waqaf fejn attwarlment waqaf u li tfacca hdejn l-intimat xi 10 jew 15 il-minuta wara l-incident. Madankollu, wiehed ma jistax jghid illi dawn il-konsiderazzjonijiet jistghu jitfghu xi dawk konklussiv fuq id-dinamika tal-incident.*

*Hija sfortuna li ma hemmx fatturi determinanti bizzejjed biex tigi ppruvata verzjoni jew ohra, izda rinfaccjat bil-provi migjuba, ma jistax jinghad illi l-provi mressqa jwasslu ghall-konvinzjoni tal-veracita` ta' verzjoni ghad-eskluzjoni tal-ohra – iz-zewg verzjonijiet huma possibbli w plawsibbli. Kif gja' rilevat, ma rrizultat ebda diskrepanza materjali fil-verzjonijiet tal-partijiet li tista' twassal lill-arbitru jaghti kredibilita` akbar lil verzjoni jew ohra, daqs kemm tista' tkun veru l-verzjoni ta' wiehed tista' tkun tal-iehor, ma rrizultaw ebda marki fit-triq li jistghu jaghtu kredibilita` jew jikkonfortaw verzjoni fuq ohra, jew ixaqilbu l-mizien lejn wahda miz-zewg verzjonijiet.*

*Huwa principji fondamentali fis-sistema guridika lokali, illi hija l-parti li tistitwixxi l-proceduri li ghandha l-oneru li ggib il-provi li jwasslu sabiex jippruvaw it-tezi taghha. Gjadarba r-rikorrenti ma rnexxielux jipprova li l-incident relattiv sehh tort tal-intimat, naturalment, it-talbiet tar-rikorrrenti ma jistghux jigu milqugha.*

*8. Konkluzjonijiet:*

*Ghal dawn il-motivi l-Arbitru jiddeciedi dawn il-proceduri, billi jichad it-talbiet tar-rikorrenit, minhabba li ma giex ippruvat li l-incident relattiv sehh b'tortijiet attribwibbli lill-intimat. Fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, l-ispejjez u d-drittijiet kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati nofs bin-nosf bejn il-partijiet."*

Illi l-appellanti Ryan Farrugia appella minn dan il-lodo arbitrali abbazi tas-segwenti aggravvji:

1. Illi l-apprezzament maghmul mit-Tribunal ta'l-Arbitragg huwa wiehed skorrett u dana stante illi l-verzjoni moghtija mill-appellanti kienet

sorretta minn provi konkreti u kredibbli ghal kuntrarju tal-provi imressqa mill-appellat.

2. Illi l-Arbitru applika l-ligi hazin meta fid-decizjoni tieghu huwa naqas milli jaghti gudizzju konklussiv ghaliex hass illi l-verzjonijiet taz-zewg partijiet kienu plawsibbli u ghalhekk ghadda sabiex cahad it-talba ta'l-appellanti.

Bis-sahha ta'l-artikolu 70C tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta introdott permezz ta'l-Att IX ta'l-2010, sar possibbli appell mill-lodo arbitrali fuq apprezzament ta'l-fatti rimessi ghal gudizzju ta'l-arbitru. Illi kif gie diversi drabi ribadit dina il-qorti ta' revizjoni qajla tissindika apprezzamnt ta' fatti maghmul mill-ewwel qorti, f'dan il-kaz mill-Arbitru, sakemm ma jezistux ragunijiet gravi li iwasslu ghat-twettiq ta' ingustizzja fil-konfront tal-parti sokkombenti ghal tali decizjoni. Iktar u iktar bhal meta fil-kaz in dizamina il-lodo jistrieh fuq kwistjoni ta' attendibilita u verosimiljanza ta' xhieda li iddeponew *viva voce* quddiem l-Arbitru.

Dak li kien rimess ghal gudizzju ta'l-Arbitru kien illi jigi effettivament stabbilit illi kienet in-nuqqas ta' prudenza, tad-diligenza u tal-hsieb tal-missier tajjeb tal-familja fl-intimat appellat l-kagun ta' l-event lesiv. Huwa ben not fid-dottrina legali u fil-gurisprudenza in kwantu "hu imprexxindibilment mehtieg biex ikun hemm lok ghad-danni, li jkun hemm ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza". Ara "**John Debono *et* -vs- Neg. Joseph Muscat *proprio et nomine***", Appell Kummercjali, 26 ta' Frar, 1960. Issa dan jitnissel f'kaz ta' incident awtomobilistiku kemm mix-xhieda tal-partijiet involuti fis-sinistru stradali kif ukoll minn provi ohra cirkostanzjali u indipendenti li jistghu jaghtu piz lil verzjoni u mhux lill-ohra.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza Moira Galea vs Michael Zerafa (App Civ. 06.10.2000):

***"fir-rikostruzzjoni ta' tali dinamika jassumu allura rilevanza spiss determinanti dawk il-provi cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lill-verzjoni u mhux lill-ohra, u li allura jirrendu versjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Elementi ta' prova dawn, li proprju ghaliex newtri, oggettivi u mill-fonti indipendenti, spiss iwasslu lill-gudikant biex jirrizolvi l-vertenza independentement mill-verzjonijiet konfliggenti tal-partijiet fejn, bhal dan in ezami, dawn ikunu imptappna jew minn interess jew mill-impressjonijiet zbaljati u konfuzi ta' kif ikun sehh l-incident jew sempliciment ghaliex dan isir f'salt tant illi s-sewwieq ma jkunx verament irrealizza x'ikun gara."***

Illi maghdud dan madanakollu "hu pacifiku f'materja ta' htija akwiljana illi ***"quando in un giudizio di risarcimento di danni l'attore allega di aver sofferto il danno di cui reclama la rifuzione, per colpa del convenuto, egli è nell'obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insita la prova della colpa che egli imputa al convenuto medesimo; poiche la colpa è un ipotesi giuridica e generica, finche sta nella disposizione della legge o nei trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili."*** ("**Ingegnere Frank Calafato -vs- Carmelo Grech**", Appell Civili, 23 ta' Novembru, 1923). Huwa naturalment jehtieglu wkoll jipprova ***"che l'atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dall'istante"*** ("**Giovanni Sarè -vs- Carmelo Farrugia *et***", Appell Kummercjali, 6 ta' Frar, 1928)."

Dan kien mistqarr f'sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fl-ismijiet Emanuel u Carmen Ellul vs Anthony Busuttil (deciza 07/05/2010) fejn il-Qorti kompliet hekk:

"Jibda biex jigi osservat in linea ta' principju generali illi d-disposizzjoni ta' l-Artikolu 562 ghandu l-fondament tieghu fir-regola tradizzjonali *onus probandi incumbit ei qui dicit* u tali jqieghed a kariku tal-parti li tallega fatt favorevoli ghaliha l-oneru li taghti prova konvincenti ta' l-ezistenza ta' dak il-fatt. Din l-esigenza hi imposta sija fuq l-attur ghab-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tad-difiza tieghu mahsuba biex tikkuntrasta l-pretiza ta' l-attur avversarju (*reus in excipiendo fit actor*). Hekk jinsab ritenut minn zmien antik illi "*qualunque eccezione, purche sia meritevole di considerazione e possa essere apprezzata nel suo merito, bisogna che sia sorretta da prove pel noto assioma che 'reus excipiendo fit actor'.*" ("**Sac. Innocenzo Zammit -vs- Sac. Alfonso Maria Borne**", Appell Civili, 23 ta' Jannar, 1925). Konsegwentement, proprju *"ghaliex reus excipiendo fit actor, il-fatt minnu allegat, li jikkostitiwixxi l-kontroprova minnu offerta, ghandu jigi pruvat minnu"* ("**Francesco Mallia -vs- Salvatore Guillaumier**", Appell Civili, 12 ta' Jannar, 1962;

Affermat dan, huwa valevoli bosta li jigi sottolinejat illi l-piz probatorju tal-konvenut in sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu tinsorgi fih meta l-attur minn naha tieghu jkun gab prova tal-fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan huwa hekk ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas tal-provi tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni ta' l-attur ma tiddispensax lil dan ta' l-ahhar mill-piz li adegwatament juri u jipprova l-legittimita u l-fondatezza tal-pretensjoni tieghu."

**"Hi mbaghad, sew konoxxuta l-gurisprudenza rapprezentata b'dan il-kwadru ta' valutazzjoni illi ssostni illi "fejn l-assjem ta' provi hu tali li l-versjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilancjati, li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritjiera u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, ma jibqax lecitu ghal gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza tal-probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu –** ***actore non probante, reus absolvitur*****.** Ara "**Joseph Vincent Rausi *nomine* -vs- Joseph Muscat**", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru, 1992 per Imhallef Joseph Said Pullicino. Ara wkoll fl-istess sens id-decizjonijiet fl-ismijiet "**Dottor Herbert Lenicker -vs- Joseph Camilleri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 31 ta' Mejju, 1972, per Imhallef Riccardo Farrugia u "**George Mifsud *nomine* -vs- Philip Micallef**", Appell Inferjuri, 1 ta' Lulju, 1997."

Premess dan, il-Qorti sejjra titratta qabel xejn it-tieni aggravvju sollevat mill-appellanti li ilmenta illi l-Arbitru ma wasal ghal ebda decizjoni dwar ir-responsabbilta ghall-incident mertu ta' dawn il-proceduri. Illi fuq l-evalwazzjoni tieghu tal-fatti, hekk rimessi mil-ligi eskluzivament lill-poter diskrezzjonali ta' l-Arbitru, dan irraguna illi z-zewg verzjonijiet moghtija mill-partijiet involuti kienu it-tnejn kredibbli u plawsibbli u kwindi billi ma kienx hemm provi ohra cirkostanzjali jew indipendenti li setghu b'xi mod jimmilitaw favur parti jew ohra, iddecieda illi l-attur ma irnexxielux jipprova l-azzjoni minnu intentata. Illi l-Qorti tistqarr illi ghalhekk ma tara l-ebda applikazzjoni hazina tal-ligi fil-valutazzjoni tal-provi maghmula mill-Arbitru u fil-konkluzjoni raggunta minnu. L-Arbitru ma ghamel xejn hlief applika l-insenjament tramandat lilna minn gurisprudenza antika u kopjuza fejn l-attur ma jirnexxielux jipprova sal-grad rikjest mil-ligi it-talba tieghu u kwindi it-talba tieghu kellha tigi respinta. Ghal dawn il-motivi it-tieni aggravvju sollevat mill-appellanti qed jigi respint.

Illi affermat ghalhekk illi l-Arbitru seta' jasal ghad-decizjoni minnu raggunta, l-Qorti ser issa tghaddi sabiex tara jekk l-ewwel aggravvju dwar l-apprezzament maghmul kienx wiehed validu o meno. Illi minn ezami akkurat tal-atti johrog illi ma hemmx prova wahda determinati li tista' b'xi mod tiffavorixxi tezi u mhux ohra. Sinjali fit-triq ma kienx hemm li setghu iwasslu sabiex b'xi mod jigi stabbilit l-*ispot of impact*, xhieda okulari indipendenti lanqas ma gew prodotti li setghu jitfghu xi dawl fuq id-dinamika ta' dan is-sinistru stradali. L-appellanti isostni illi d-danni riskontrati fil-vettura tieghu jindikaw illi kien il-mutur li habat fih meta dan ta'l-ahhar ipprova jaqleb minn fuq il-karreggjata tan-naha ta' gewwa fejn kien qed jinsaq ghal dik ta' barra fejn kienet il-vettura misjuqa mill-appellanti. Di piu isostni illi l-verzjoni ta'l-appellat ma tistax taghmel sens ghaliex li kieku kien qieghed isuq warajh fl-istess karreggjata ma kienx ikun jista' jibqa sejjer, kif ghamel, jekk mhux billi ighaddi minn fuqu ghaliex dan

kien jinsab quddiemu. Illi dawn il-fatturi ghalkemm jistghu ikunu indikattivi, madanakollu ma humiex determinanti. Dan ghaliex, kif gustament deciz mill-Arbitru, iz-zewg verzjonijiet huma ugwalment plawsibbli u verosimili. Kwindi f'dana ix-xenarju il-provi cirkostanzjali u indipendenti minn dawn iz-zewg verzjonijiet jenhtigielhom ikunu b'sahhithom iktar minn semplici ipotezi tant illi jistghu iwasslu biex jiddeterminaw id-dinamika ta'l-incident. Illi ghalhekk billi quddiemha hemm zewg verzjonijiet konfliggenti li, fl-assenza ta' cirkostanzi indipendenti li setghu ighinuha tasal biex temmen verzjoni wahda u mhux l-ohra, din il-Qorti, bhal kif iddecieda l-Arbitru, trid bil-fors tirrigetta t-talba attrici billi mhux sufficjentement ippruvata.

Kif qalet ukoll il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Link Hans Jochim et vs Raymond Mercieca**, deciza fit-12 ta' Jannar 2001:

***"Huwa principju bazilari ta' dritt illi, f'kaz illi l-attur ma jipprovax il-premessi ghat-talbiet tieghu, dan ikun ifisser ic-cahda ta' dawk it-talbiet u l-liberazzjoni tal-parti konvenuta. L-applikazzjoni tal-principju actore non probante reus absolvitur kienet essenzjalment ezercizzju ta' analizi ta` provi fil-procedura civili. Dan il-principju mhux biss kien wiehed legalment san, imma kien wkoll regolatur fid-determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi fil-kamp civili."***

In bazi ghal gurisprudenza enuncjata u li tadatta ruhha perfettament ghall-kaz in kwestjoni, mhux il-kaz li din il-Qorti tallontana ruhha mill-konkluzjoni tal-lodo ghaliex dan hu legalment u processwalment fondat.

Ghall-motivi suesposti din il-Qorti qeghda tirrespingi l-appell u tikkonferma l-lodo ta' l-Arbitru, bl-ispejjez jibqghu sopportati mill-appellanti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------